

# News Releases



# Ix-Xogħol Irreġistrat: Frar tal-2023

NR129/2023 Data tal-Ħruġ: 21 ta' Lulju 2023

*Fi Frar tal-2023, l-impjiegi full-time żdiedu bi 8.4 fil-mija, filwaqt li dawk part-time bħala impjieg ewlieni żdiedu bi 3.8 fil-mija meta mqabblin ma' Frar ta' sena qabel.*



Tagħrif amministrattiv mogħti minn Jobsplus juri li, fi żmien sena, il-provvista tal-ħaddiema (esklużi l-part-timers) żdiedet bi 8.3 fil-mija sabiex laħqet 267,970 (ara nota nru 5 fil-metodologija). Dan kien ġej l-aktar minn żjieda, sena għal sena, fl-impjiegi rreġistrati full-time (20,706) u tnaqqis fil-qgħad irreġistrat (84) (Tabella nru 1).

**Ix-Xogħol Full-Time Irreġistrat**

Fi Frar tal-2023, l-Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (Taqsimiet tan-NACE minn 77 sa 82, 4,183) u l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (Taqsimiet tan-NACE 55 u 56, 3,457) kienu l-aktar żewġ oqsma li wasslu għaż-żjieda fix-xogħol, meta mqabblin ma' Frar 2022 (Tabella nru 1). Ix-xogħol full-time irreġistrat fis-settur privat tela' b'21,198 persuni għal 215,854. L-impjiegi fis-settur pubbliku naqsu b'492 għal 51,075 (Tabella nru 2).

L-għadd ta' nies irreġistrati li jaħdmu għal rashom full-time tela' b'619 meta mqabbel ma' Frar 2022, mentri l-għadd ta' persuni rreġistrati bħala impjegati żdiedu b'20,087. L-irġiel li jaħdmu full-time żdiedu bi 8.9 fil-mija, filwaqt li n-nisa żdiedu b'7.6 fil-mija, fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 2).

**Ix-Xogħol Part-Time Irreġistrat**

Fi Frar tal-2023, l-impjiegi rreġistrati bħala part-time żdiedu b'6.7 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar tal-2022. L-oqsma li l-aktar wasslu għal din iż-żjieda kienu l-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (Taqsimiet tan-NACE minn 69 sa 75, 896) u s-settur tat-Trasport u l-ħażna (Taqsimiet tan-NACE minn 49 sa 53, 692) (Tabella nru 3).

L-għadd ta' nies li kellhom kemm impjieg part-time kif ukoll ieħor full-time laħqu id-39,332, żjieda ta' 9.3 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar fl-2022. Il-persuni li kellhom biss impjieg part-time kienu jammontaw għal 33,062, żjieda ta' 3.8 fil-mija meta mqabbla mal-istess xahar fl-2022 (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. L-impjiegi full-time u part-time (impjieg primarju) bix-xahar

